2023/2259

9.11.2023

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 106/2023

tat-28 ta' April 2023

li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/2259]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ('il-Ftehim dwar iż-ŻEE'), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2336 tat-28 ta' Novembru 2022 dwar il-pubblikazzjoni ta' lista li tindika ċerti valuri ta' emissjonijiet tas-CO_2 għal kull manifattur kif ukoll emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 tal-vetturi tqal ġodda kollha rreġistrati fl-Unjoni skont ir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-perjodu tar-rapportar tas-sena 2020 ([1]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness XX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 21azkaaa (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1859) tal-Anness XX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

"21azkab. **32022 D 2336**: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2336 tat-28 ta' Novembru 2022 dwar il-pubblikazzjoni ta' lista li tindika ċerti valuri ta' emissjonijiet tas-CO_2 għal kull manifattur kif ukoll emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 tal-vetturi tqal ġodda kollha rreġistrati fl-Unjoni skont ir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-perjodu tar-rapportar tas-sena 2020 (ĠU L 309, 30.11.2022, p. 8)."

Artikolu 2

It-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2336 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-29 ta' April 2023, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *, jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 398/2021 tal-10 ta' Diċembru 2021 ([2]), skont liema data tkun l-iżjed tard.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 309, 30.11.2022, p. 8.
* Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.
([2]) Għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' April 2023.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Nicolas VON LINGEN